Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 8 ta' Ottubru 2020**
**(OR. en)**

**6230/20**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0332(COD)**

**ENV 95**
**SAN 55**
**CONSOM 31**
**CODEC 127**

# ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni)<br>– Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill |

## I. INTRODUZZJONI

1. Fl-1 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta ta' riformulazzjoni tagħha għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem[1], l-hekk imsejħa Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb (DWD).

2. Fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Marzu 2019, il-Kunsill qabel dwar Approċċ ġenerali[2] li ta mandat lill-Presidenza biex tkompli n-negozjati mal-Parlament Ewropew.

3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-28 ta' Marzu 2019[3]. Ir-rapport kien fih 160 emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.

4. Saru ħames trilogi fis-7 ta' Ottubru, fit-22 ta' Ottubru, fid-19 ta' Novembru, fit-3 ta' Diċembru u fit-18 ta' Diċembru 2019. Il-Presidenza pproponiet mandati riveduti lill-Coreper fil-laqgħat tiegħu tal-15 ta' Novembru, is-27 ta' Novembru u t-18 ta' Diċembru 2019. Barra minn dawn it-trilogi politiċi, saru diversi laqgħat tripartitiċi tekniċi.

5. Fil-5 ta' Frar 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti wettaq analiżi tat-test bil-ħsieb li jintlaħaq qbil u jiġi approvat il-kompromess finali li jirriżulta mit-trilogi[4]. It-test approvat bid-dispożizzjonijiet innumerati mill-ġdid tqassam bħala Anness għad-dokument 6060/1/20 REV 1.

[1] 5846/18 + ADD 1 sa ADD 5.
[2] 6876/1/19 REV 1.
[3] 7750/19.
[4] 5813/20.

6. Fit-18 ta' Frar 2020, il-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew approva t-test. Sussegwentement, fl-istess jum il-President tal-Kumitat ENVI bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn indika li, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, huwa kien ser jirrakkomanda li l-Kumitat ENVI u l-Plenarja jadottaw il-pożizzjoni tal-Kunsill mingħajr emendi.

7. Il-Kunsill ikkonferma l-qbil politiku fil-5 ta' Marzu 2020[5].

8. Fit-twettiq tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill qies l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, li ġiet adottata fil-11 ta' Lulju 2018[6], u l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni li ġiet adottata fis-16 ta' Mejju 2018[7].

## II. OBJETTIV

9. L-objettiv globali tal-proposta ta' riformulazzjoni huwa li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem mill-effetti negattivi ta' ilma tax-xorb ikkontaminat. Ir-reviżjoni attwali għandha wkoll l-għan li tindirizza l-ewwel inizjattiva ta' suċċess taċ-ċittadini Ewropej bl-isem "Right2Water"[8].

10. Wara konsultazzjoni pubblika fl-Unjoni kollha u Evalwazzjoni dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) tad-Direttiva 98/83/KE[9], deher li kien hemm lok għal titjib f'erba' oqsma tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb. Sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati, il-proposta ta' riformulazzjoni taġġorna l-istandards tal-kwalità tal-ilma, tintroduċi approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-monitoraġġ tal-ilma, ittejjeb l-informazzjoni li tingħata lill-konsumaturi dwar il-kwalità tal-ilma u ttejjeb l-aċċess għall-ilma. Barra minn hekk, il-proposta tistipula wkoll rekwiżiti minimi ta' iġjene għal materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb.

---

5 6060/1/20 REV 1.
6 NAT/733-EESC-2018-01285.
7 CDR 924/2018.
8 COM(2014) 177 final.
9 SWD(2016) 428 final.

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

### A) Punti ġenerali

11. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż qbil fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. It-test tal-abbozz ta' pożizzjoni tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġiżlaturi.

### B) Kwistjonijiet ewlenin ta' politika

11. Il-qbil milħuq fit-trilogu tat-18 ta’ Diċembru 2019, rifless fil-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, fih l-elementi ta’ politika ewlenin li ġejjin:

Aċċess għall-ilma

12. Il-Kummissjoni inkludiet dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-ilma fil-proposta ta’ riformulazzjoni tagħha b’reazzjoni għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Right2Water". L-aċċess għall-ilma huwa kwistjoni ta’ importanza kbira għaż-żewġ koleġiżlaturi. Il-qbil milħuq iżid objettiv għad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb. L-Artikolu 1 issa jiddikjara li d-Direttiva għandha żewġ objettivi ewlenin: (1) il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem mill-effetti negattivi tal-ilma kkontaminat maħsub għall-konsum mill-bniedem u (2) it-titjib tal-aċċess għal tali ilma.

13. Barra minn hekk, l-Artikolu 16 (1) jistabbilixxi li l-Istati Membri huma meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex iżommu jew itejbu l-aċċess għall-ilma għal kulħadd, b'mod partikolari, għall-gruppi vulnerabbli u marġinalizzati, kif definit mill-Istati Membri. Il-paragrafu 2, jipprevedi għadd ta' miżuri għall-promozzjoni tal-użu tal-ilma tal-vit. Madankollu, huwa biss l-installar ta' tagħmir fuq ġewwa jew fuq barra f'postijiet pubbliċi li huwa obbligatorju u kkondizzjonat għal fejn ikun teknikament fattibbli, b'mod li jkun proporzjonat u b'kont meħud tal-kundizzjonijiet lokali speċifiċi, bħall-klima u l-ġeografija. Il-miżuri l-oħra huma fakultattivi. L-Istati Membri ser ikollhom ukoll jinkoraġġixxu l-provvista tal-ilma tal-vit fl-amministrazzjonijiet u fil-bini pubbliku. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 16 (3) jistipula li l-assistenza għall-komunitajiet lokali għandha tiġi ffaċilitata iżda n-natura ta' tali assistenza għandha tiġi deċiża mill-Istati Membri.

<u>Approċċ ibbażat fuq ir-riskju</u>

14. Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-proposta ta' riformulazzjoni huwa l-istabbiliment ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ġestjoni tal-ilma. Madankollu, il-koleġiżlaturi sabu li l-element tal-ġestjoni tar-riskju kien espress b'mod pjuttost dgħajjef fil-proposta tal-Kummissjoni. Id-diversi modifiki għall-Artikoli 7, 8 u 9 u għall-premessi u d-definizzjonijiet korrispondenti li ġew ippreżentati fil-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, għandhom l-għan li jsaħħu l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u jidentifikaw u jiddefinixxu b'mod ċar l-elementi kollha tiegħu abbażi tal-approċċ tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa.

15. Approċċ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ li jikkonsisti mhux biss minn identifikazzjoni tar-riskji iżda wkoll mill-ġestjoni ta' tali riskji, b'mod partikolari, permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tagħhom. Il-monitoraġġ mhuwiex objettiv fih innifsu iżda jenħtieġ li jkun parti minn sistema ta' ġestjoni u strument biex tiġi vverifikata l-konformità. B'mod ġenerali, l-għan tal-bidliet ippreżentati mill-koleġiżlaturi għal dawn l-Artikoli huwa li tiġi żviluppata sistema integrata ta' ġestjoni tal-kwalità għall-katina kollha tal-provvista tal-ilma tax-xorb, jiġifieri, miż-żona ta' lħuq, l-estrazzjoni, it-trattament, il-ħżin u d-distribuzzjoni sal-punt ta' konformità, jiġifieri mis-sors sal-vit.

16. Ingħatat attenzjoni wkoll biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn l-Ilma tax-Xorb u d-Direttivi Qafas dwar l-Ilma u biex tiġi allinjata l-lingwa użata fiż-żewġ leġiżlazzjonijiet. Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' dawn iż-żewġ direttivi jikkomplementaw lil xulxin mingħajr ma jikkoinċidu.

Materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma

17. L-Artikolu 10 tad-Direttiva attwali dwar l-Ilma tax-Xorb, jirrikjedi li l-Istati Membri jipproteġu s-saħħa tal-bniedem fir-rigward ta' sustanzi u materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, iżda jħalli l-implimentazzjoni ta' dan ir-rekwiżit għad-diskrezzjoni tagħhom. In-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku tas-sistemi ta' approvazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri għall-prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb ġie identifikat bħala wieħed min-nuqqasijiet importanti fid-Direttiva attwali matul l-evalwazzjoni tagħha. Skont is-sistema attwali, il-prodotti għandhom jgħaddu minn proċeduri ta' ttestjar li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor qabel ma jitqiegħdu fis-suq. Tali proċeduri nazzjonali ta' ttestjar ġew rikonoxxuti bħala piż amministrattiv u ostaklu għas-suq intern, bi spejjeż sinifikanti għall-industrija.

18. Ir-riformulazzjoni tal-Kummissjoni pproponiet li tarmonizza l-metodi ta' ttestjar għal prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb permezz ta' standardizzazzjoni skont ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini (CPR). Il-mandat ta' standardizzazzjoni, li għandu jiġi ppubblikat skont is-CPR, għandu jiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-metodi għall-ittestjar ta' prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb għal konformità mar-rekwiżiti tal-iġjene u tas-sikurezza.

19. Il-koleġiżlaturi kienu tal-fehma li s-CPR huwa mfassal għall-armonizzazzjoni tal-ittestjar u għad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni, iżda mhuwiex adattat għas-salvagwardja ta' kwistjonijiet relatati mas-saħħa. Barra minn hekk, l-approċċ tas-CPR ma jkoprix il-prodotti kollha mis-sors sal-vit. Għalhekk, il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ddaħħal dispożizzjonijiet ġodda f'din id-Direttiva, l-Artikoli 11 u 12, biex tistabbilixxi rekwiżiti iġjeniċi. Il-qafas ġenerali ser jiġi stabbilit permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u delegati li jistabbilixxu:

- Listi pożittivi Ewropej ta' sustanzi jew kompożizzjonijiet inizjali awtorizzati li għandhom jintużaw għall-manifattura ta' materjali,
- Metodoloġiji komuni għall-ittestjar u l-aċċettazzjoni ta' tali sustanzi jew kompożizzjonijiet,

- Proċeduri u metodi għall-ittestjar u l-aċċettazzjoni ta' materjali fil-forma finali tagħhom,
- Il-proċedura għal applikazzjonijiet biex jiġu inklużi jew jitneħħew sustanzi u kompożizzjonijiet inizjali fil-listi pożittivi Ewropej,
- Proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità,
- Immarkar għal prodotti li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb li jindika konformità ma' din id-Direttiva.

20. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) ser tipproponi lill-Kummissjoni l-ewwel lista pożittiva Ewropea kkompilata. Barra minn hekk, l-ECHA ser tagħmel rieżami u tagħti opinjoni dwar is-sustanzi, il-kompożizzjonijiet u l-kostitwenti kollha li jinsabu fil-listi pożittivi Ewropej sa 15-il sena wara l-adozzjoni tagħha. Fi żmien disa' snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni ser tirrieżamina l-funzjonament tas-sistema u tippreżenta rapport lill-Parlament u lill-Kunsill.

Derogi

21. Għalkemm id-Direttiva attwali dwar l-Ilma tax-Xorb ipprevediet il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw għal derogi taħt ċerti kondizzjonijiet, il-proposta ta' riformulazzjoni tal-Kummissjoni ma inkludietx derogi, billi din il-leġiżlazzjoni ilha fis-seħħ għal aktar minn 20 sena u hemm biss għadd żgħir ħafna ta' derogi li għadhom għaddejjin. Il-koleġiżlaturi, madankollu, iddeċidew li jintroduċu mill-ġdid derogi iżda li jillimitawhom għal żoni ta' lħuq ġodda, sorsi ġodda ta' tniġġis u parametri ġodda. Barra minn hekk, ġiet introdotta dispożizzjoni li tippermetti lill-Istati Membri jagħtu deroga f'każ ta' sitwazzjoni eċċezzjonali u mhux prevista f'żona ta' lħuq eżistenti li tista' twassal għal eċċess temporanju tal-valuri parametriċi. Dan l-aħħar tip ta' deroga ma jistax jiġġedded.

Tnixxijiet

22. Kwistjoni oħra li ma tissemmiex fil-proposta ta' riformulazzjoni tal-Kummissjoni hija dik tat-tnixxijiet. Madankollu, matul in-negozjati tat-trilogu deher ċar li din il-problema jenħtieġ li tiġi indirizzata wkoll fid-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb. Konsegwentement, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tintroduċi dispożizzjoni ġdida taħt l-Artikolu 4, li tirrikjedi li l-Istati Membri jwettqu valutazzjoni tal-livell ta' tnixxijiet tal-ilma fit-territorju tagħhom fi żmien tliet snin u jikkomunikaw dawn ir-riżultati lill-Kummissjoni. Il-valutazzjoni tal-livell ta' tnixxijiet għandha ssir bl-użu tal-indiċi ta' tnixxija infrastrutturali (ILI) jew metodu xieraq ieħor.

23. Abbażi tal-valutazzjonijiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni ser ikollha ħames snin biex tistabbilixxi, permezz ta' att delegat, valur ta' limitu medju għat-tnixxijiet u, fi żmien sentejn mill-adozzjoni ta' dan l-att delegat, l-Istati Membri b'rata ta' tnixxija ogħla mil-livell limitu medju determinat ser ikunu meħtieġa jiżviluppaw pjan ta' azzjoni biex inaqqsu r-rata ta' tnixxija tagħhom.

Parametri, valuri parametriċi u lista ta' sorveljanza

24. Il-koleġiżlaturi qablu li jaġġornaw l-istandards tal-kwalità abbażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, jiġifieri, skont l-għarfien xjentifiku eżistenti u l-prinċipju ta' prekawzjoni.

25. Għal ċerti parametri, id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb ser tapplika approċċ saħansitra aktar strett. Eżempju ta' dan huwa ċ-Ċomb, fejn id-WHO rrakkomandat li jinżamm il-valur parametriku attwali ta' 10 µg/l. Madankollu, il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tistabbilixxi l-valur parametriku għaċ-ċomb għal 5 µg/l iżda l-Istati Membri ser ikollhom perijodu ta' tranżizzjoni ta' 15-il sena biex jilħqu dan il-valur. Barra minn hekk, il-valur ta' 5 µg/l ser jibqa' l-valur aspirat fir-rigward tas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika, billi l-Istati Membri mhux dejjem ikollhom l-awtorità meħtieġa biex jimponu s-sostituzzjoni tal-pajpijiet taċ-ċomb fi djar u binjiet privati. Madankollu, għall-materjali l-ġodda kollha li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb, il-valur ta' 5 µg/l ser japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva.

26. Sabiex jiġi indirizzat it-tħassib dejjem jikber tal-pubbliku dwar l-effetti ta’ komposti emerġenti, bħall-interferenti endokrinali, il-farmaċewtiċi u l-mikroplastiċi, il-koleġiżlaturi qablu li jżidu mekkaniżmu ta’ lista ta’ sorveljanza fid-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb. L-Artikolu 13 jistabbilixxi mekkaniżmu ta' lista ta’ sorveljanza li ser jippermetti li l-Istati Membri jirreaġixxu b’mod dinamiku u flessibbli għal dan it-tħassib li dejjem qed jikber.

27. Fir-rigward tal-interferenti endokrinali, fil-lista ta’ sorveljanza ser jiġu inklużi żewġ komposti rappreżentattivi, in-Nonilfenol u l-Beta-estradjol. Interferent endokrinali addizzjonali, il-Bisfenol - A, ser jitqiegħed fl-Anness I, Parti B, b’valur ta’ 2,5 µg/l li huwa bbażat fuq is-saħħa u l-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda l-valur parametriku tiegħu permezz ta’ att delegat. Fi żmien tliet snin, il-Kummissjoni ser tadotta, permezz ta’ att delegat ukoll, metodoloġija biex tkejjel il-mikroplastiċi bil-ħsieb li tinkludihom fil-lista ta’ sorveljanza.

28. L-Istati Membri ser ikunu meħtieġa wkoll jimmonitorjaw is-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS). Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari titlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa linji gwida tekniċi għall-monitoraġġ ta’ tali sustanzi fi żmien tliet snin. Ladarba l-Kummissjoni tkun żviluppat il-linji gwida tekniċi, l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jagħżlu bejn żewġ metodi ta’ kejl tal-PFAS: PFAS totali b’valur parametriku ta’ 0.50µg/l u s-somma ta’ PFAS b’valur parametriku ta’ 0.10 µg/l, li jirreferu għall-20 sustanza elenkati fil-Parti B tal-Anness III.

29. Fl-aħħar nett, rigward il-monitoraġġ, il-koleġiżlaturi qablu wkoll li jintroduċu mill-ġdid il-Parametri Indikaturi fil-monitoraġġ li għandu jitwettaq mill-Istati Membri. Dawn kienu mniżżlin fid-Direttiva attwali dwar l-Ilma tax-Xorb iżda kienu tħassru mill-Kummissjoni fil-proposta ta’ riformulazzjoni tagħha.

Kwistjonijiet importanti oħra

30. Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tindirizza wkoll kwistjonijiet importanti oħra li r-rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew laħqu qbil dwarhom fin-negozjati tat-trilogi.

*Trasparenza u Aċċess għall-Informazzjoni*

31. Sabiex jiżdied l-użu tal-ilma tal-vit u b'hekk jitnaqqas l-iskart tal-plastik u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, jenħtieġ li l-pubbliku jkollu informazzjoni aġġornata dwar il-kwalità tal-ilma li jikkonsma. Il-koleġiżlaturi qablu li jenħtieġ li din l-informazzjoni tkun aċċessibbli online għall-konsumaturi, b'mod personalizzat u faċli għall-utent. Iċ-ċittadini ser ikollhom aċċess għar-riżultati tal-programmi ta' monitoraġġ, informazzjoni dwar it-tipi ta' trattament u diżinfezzjoni tal-ilma applikati, informazzjoni dwar l-eċċess tal-valuri parametriċi rilevanti għas-saħħa tal-bniedem, informazzjoni rilevanti dwar il-valutazzjoni tar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju tas-sistema tal-provvista, pariri dwar kif jitnaqqas il-konsum tal-ilma u jiġu evitati riskji għas-saħħa minħabba ilma qiegħed, imma wkoll informazzjoni addizzjonali li tista' tkun utli għall-pubbliku, bħal informazzjoni dwar indikaturi bħall-ħadid, l-ebusija u l-minerali, eċċ., li spiss jinfluwenzaw il-perċezzjoni tal-konsumaturi rigward l-ilma tal-vit. Barra minn hekk, bħala rispons għall-interessi tal-konsumaturi fi kwistjonijiet tal-ilma, jenħtieġ li jingħataw aċċess, fuq talba, għal data storika disponibbli dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ u l-eċċessi.

*Aċċess għall-ġustizzja*

32. Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirreferi għall-aċċess għall-ġustizzja fi premessa (47) ġdida kif inhu l-każ f'leġiżlazzjoni reċenti oħra tal-UE dwar kwistjonijiet ambjentali. Dan jirrifletti s-sitwazzjoni li l-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, magħrufa wkoll bħala l-Konvenzjoni ta' Aarhus. Billi l-Istati Membri kollha tal-UE għandhom fis-seħħ sistemi nazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb biex jiżguraw aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, il-koleġiżlaturi qablu li ma kienx meħtieġ li jistabbilixxu obbligi speċifiċi dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-parti operazzjonali tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb.

33. Il-premessa (47) dwar l-aċċess għall-ġustizzja tfakkar ukoll li l-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, tiddikjara li ser tikkunsidra tirrevedi r-Regolament ta' Aarhus biex ittejjeb l-aċċess għall-istħarriġ amministrattiv u ġudizzjarju fil-livell tal-UE għaċ-ċittadini u għall-NGOs li huma mħassba dwar il-legalità ta' deċiżjonijiet b'effetti fuq l-ambjent. Barra minn hekk, il-koleġiżlaturi jirrikonoxxu ulterjorment li huwa importanti li l-Kummissjoni tieħu azzjoni biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja miċ-ċittadini u l-NGOs quddiem il-qrati nazzjonali fl-Istati Membri kollha.

*Evalwazzjoni u rieżami*

34. Il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 19 jipprevedu li l-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb fi żmien tnax-il sena wara d-data finali tat-traspożizzjoni tagħha u jispeċifikaw aktar l-elementi li fuqhom tista' tkun ibbażata din l-evalwazzjoni. Barra minn hekk, it-tielet paragrafu jistipula li fi żmien sitt snin il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-theddida potenzjali għas-sorsi tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li tista' tkun ikkawżata minn mikroplastiċi, farmaċewtiċi u kontaminanti ġodda li bdew iqajmu tħassib.

35. L-Artikolu 20 jipprevedi li, mill-inqas kull ħames snin, il-Kummissjoni ser tirrevedi l-Annessi I u II fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku kif ukoll fid-dawl tal-approċċ tal-Istati Membri bbażat fuq ir-riskju fir-rigward tas-sikurezza tal-ilma.

## IV. <u>KONKLUŻJONI</u>

36. Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari rigward id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb tirrifletti l-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, iffaċilitat mill-Kummissjoni. Ladarba jiġu adottati, il-modifiki proposti għad-Direttiva attwali dwar l-Ilma tax-Xorb ser jindirizzaw in-nuqqasijiet kollha identifikati fl-Evalwazzjoni REFIT tagħha u jżidu b'mod konsiderevoli l-livell ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem mill-effetti negattivi tal-ilma tax-xorb ikkontaminat.